MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2011

Numru. 1289/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Jonathan Attard**

**Kumpilazzjoni Nru: 1289/2009**

**Illum, 14 ta' Settembru 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Jonathan Attard ta' 32 sena, bin John u Mary Ann nee' Farrugia, imwieled Pieta' fit-8 t' April, 1979 u residenti Forensic Ward, Sptar

Monte Karmeli, Attard u detentur ta’ karta ta’ identita bin-numru 182679M.

Akkuzat talli

1. Volontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Steve Spiteri u dan skond kif iccertifika Dr Kenneth Muscat MD Reg No 3044 ta’ l-isptar Mater Dei;
2. Ingurja u hedded bi kliem lil Steve Spiteri;
3. Kiser il-bon ordni b’ ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma’ Jonathan Attard li huwa rrenda ruhu recidiv b’ diversi senteni tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
(a) 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
(b) 17, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali inkluz in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

Illi dan huwa kaz li jitratta glieda li nqalghat fis-sala tal-forensic ward f’l-isptar Monte Karmeli bejn l-imputat u certu Stephen Spiteri, illum decedut.

Illi fil-verita l-ewwel qam argument bejn dan Stephen Spiteri u persuna ohra, Mario Camilleri. L-imputat u xi persuni li kienu f’l-istess kamra intervjenew biex jevitaw li Spiteri u Camilleri jaqbdu f’xulxin. Jidher li l-imputat mar

fuq Spiteri pero malli ghamel hekk huma qabdu f’xulxin b’mod li mbaghad kellhom jintervjenu n-nies prezenti biex ifferqu lilhom. Id-dinamika ta’ l-incident bejn l-imputat u Spiteri tidher mill-istills mehuda mir-recording tac-CCTV cameras li hemm fil-post fejn sar l-incident.

Illi l-persuni koncernati kollha tressqu bhala xhieda mill-prosekuzzjoni u taw id-depozizzjoni taghhom. Dak li jispikka b’mod generali fid-depozizzjonijiet ta’ Spiteri u tal-persuni l-ohra kollha koncernati (minbarra l-imputat) hija r-riluttanza li jirrakkontaw dak li verament gara. Mhux hekk biss imma Spiteri ta verzjonijiet differenti dwar kif kien garrab il-griehi f’widnejh lill-pulizija min-naha, u lin-nurse li invistah ftit wara min-naha l-ohra. Meta mbaghad kien qed jixhed quddiem din il-Qorti ma kienx car dwar kif soffra il-griehi f’widnejh.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali hija li ghamel offiza li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ Stephen Spiteri.

Illi kif diga intqal dak li rrizulta minghajr dubbju f’dan il-kaz huwa li kien hemm argument bejn Stephen Spiteri u certu Mario Camilleri u l-imputat intervjena (kif ghamlu persuni ohra li kienu qeghdin f’l-istess sala) biex jevitaw li dawn it-tnejn jigu f’l-idejn. Jista’ jkun li f’l-intervent tieghu fuq Spiteri l-imputat kien goff izzejjed pero mil-provi prodotti ma jirrizultax fil-grad rikjest mill-Ligi li l-intervent ta’l-imputat kien wiehed maghmul b’l-intenzjoni li jikkawza xi griehi lil Spiteri. Fil-verita lanqas ma jirrizulta definittivament kif gew kawzati l-griehi sofferti minn Spiteri u b’mod partikolari gewx ikkawzati b’gidma.

Illi tenut kont ta dan u tenut kont tal-kontradizzjonijiet u kunflitti fil-provi prodotti ma jistghax jinghad li din l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija r-recidiva. La darba l-imputat mhux qed jinstab hati ta’l-

imputazzjoni principali migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali huwa ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

Illi ghandu jinghad li fic-citazzjoni l-prosekuzzjoni gabet zewg imputazzjonijiet ta' natura kontravvenzjonali kontra l-imputat: hebb bi skop ta' ingurja, u ksur ta' paci pubblika. Dawn l-imputazzjonijiet ma gewx indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet imputazjonijiet indikati fic-citazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------